KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fil-21 ta' Marzu 2019[1]

Kawża C-34/18

Ottília Lovasné Tóth
vs
ERSTE Bank Hungary Zrt.

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-konsumaturi — Klawżoli inġusti — Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE — Kamp ta' applikazzjoni — Klawżola li tirrifletti d-dritt — Anness — Valur ġuridiku — Artikolu 3(1) — Evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola — Impressjoni mogħtija lill-konsumatur medju permezz ta' klawżola — Komprensibbiltà tal-klawżoli — Eżistenza ta' sentenzi nazzjonali kontradittorji"

1. Din il-kawża tikkonċerna proċedura bejn ERSTE Bank Hungary Zrt (iktar 'il quddiem il-"Bank") u O. Lovasné Tóth fir-rigward tan-natura inġusta ta' klawżola speċifika inkluża f'kuntratt ta' self fir-rigward ta' abitazzjoni domestika. Il-klawżola kontenzjuża tinsab f'dokument ipotekarju u tipprovdi, l-ewwel nett, li kull parti tiddikjara li hija obbligata taċċetta s-saħħa probatorja ta' att notarili redatt skont il-kontijiet tad-debitur u skont il-kotba u r-reġistri tal-Bank u, it-tieni nett, li kull parti taċċetta li tali att jipprovdi bażi għall-finijiet ta' eżekuzzjoni forzata f'każ ta' nuqqas ta' twettiq.

2. F'dan il-każ, il-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) preċedentement tat diversi sentenzi fir-rigward ta' klawżola simili għal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. F'dawn is-sentenzi, hija ddeċidiet li tali klawżola kienet sempliċement tirreferi għal proċedura nazzjonali ta' eżekuzzjoni notarili eżistenti u li, għalhekk, minn perspettiva legali, hija ma kinitx taffettwa d-dritt ta' waħda jew l-oħra mill-partijiet li jieħdu azzjoni ġudizzjarja u lanqas ma kienet taffettwa l-oneru tal-prova.

3. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi b'mod partikolari jekk din il-klawżola tistax, madankollu, tiġi ddikjarata inġusta fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-1993") essenzjalment minħabba l-impressjoni żbaljata li tali klawżola tista' tagħti lill-konsumatur medju.

4. Qabel ma tiġi kkunsidrata din il-kwistjoni, huwa neċessarju li l-ewwel nett jiġu ppreżentati d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-1993.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

1. Id-Direttiva 93/13

5. Is-sittax-il, is-sbatax-il, u l-għoxrin premessa tad-Direttiva tal-1993 jistipulaw:

"Billi l-istima, skond il-kriterji ġenerali magħżula, tal-karattru inġust ta' klawżoli, b'mod partikolari fil-bejgħ jew f'attivitajiet ta' provvista ta' natura pubblika li jipprovdu servizzi kollettivi li jqisu s-solidarjetà fost l-utenti, għandha tiġi supplimentata billi ssir valutazzjoni globali tad-diversi interessi involuti; billi din tikkostitwixxi l-ħtieġa ta' *buona fede*; billi, waqt li tkun qed issir stima ta' *buona fede*, għandha titqies b'mod partikolari s-saħħa tal-posizzjonijiet tal-ftehim tal-partijiet, kemm jekk il-konsumatur kellu xi jħajru biex jaqbel mal-klawżola kif ukoll jekk il-merkanzija jew is-servizzi nbiegħu jew ġew ipprovduti bl-ordni speċjali tal-konsumatur; billi l-ħtieġa ta' *buona fede* tista' tkun sodisfatta mill-bejjiegħ jew mill-fornitur meta dan jittratta b'mod ġust u ekwu mal-parti l-oħra li huwa għandu jikkunsidra l-interessi leġittimi tagħha;

Billi, għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-lista ta' klawżoli annessa tista' tkun ta' valur indikattiv biss u, minħabba l-kawża tal-karattru minimali tad-Direttiva, l-iskop ta' dawn il-klawżoli jista' jkun is-suġġett ta' amplifikazzjoni jew ta' editjar aktar restrittiv mill-Istati Membri fil-liġijiet nazzjonali tagħhom;

[…]

Billi l-kuntratti għandhom jiġu abbozzati f'lingwa ċara, li tiftiehem, il-konsumatur għandu fil-fatt jingħata opportunità biex jeżamina l-klawżoli kollha u, jekk ikollu xi dubju, l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli lejn il-kunsumatur għandha tirbaħ".

6. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-1993 jipprovdi:

"Il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji u d-disposizzjonijiet jew il-prinċipji ta' konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom ikunu parti l-Istati Membri jew il-Komunità, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport, m'għandhomx ikunu suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva".

7. Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-1993:

"1. Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.

[…]

3. L-Anness għandu jkun fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati inġusti".

8. L-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva tal-1993 jipprovdi kif ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu,

2. L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar".

9. L-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993 jipprovdi:

"Fil-każ ta' kuntratti fejn ċerti klawżoli jew il-klawżoli kollha offruti lill-konsumatur ikunu bil-miktub, dawn il-klawżoli għandhom ikunu abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar. Fejn ikun hemm dubju dwar it-tifsir ta' klawżola, għandha tirbaħ l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għall-konsumatur. […]".

10. Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-1993:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konklużż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti".

11. Skont l-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva tal-1993:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri.

2. Il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu disposizzjonijiet li bihom persuni jew organizzazzjonijiet, li jkollhom interess leġittimu skond il-liġi nazzjonali li jipproteġu lill-konsumaturi, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni skond il-liġi nazzjonali kkonċernata quddiem il-qrati jew quddiem korpi amministrattivi kompetenti għal deċiżjoni dwar jekk il-klawżoli kuntrattwali ppreparati għal-użu ġenerali jkunux inġusti, biex ikunu jistgħu japplikaw mezzi xierqa u effettivi biex jipprevjenu li jkomplu jintużaw dawn il-klawżoli".

12. Fil-kliem tal-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-1993:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu l-aktar disposizzjonijiet stretti kompatibbli mat-Trattat fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, biex jiżguraw grad massimu ta' protezzjoni għall-konsumatur".

13. Il-punt 1 tal-Anness għad-Direttiva tal-1993 jirreferi għal:

"Klawżoli li għandhom l-għan jew l-effett li:

[…]

(m) jagħtu lill-bejjiegħ jew lill-fornitur id-dritt li jistabbilixxi jekk il-merkanzija jew is-servizzi pprovduti jkunux konformi mal-kuntratt, jew jagħtuh id-dritt esklussiv li jinterpreta kwalunkwe klawżola fil-kuntratt;

[…]

(q) jeskludu jew ifixklu d-dritt tal-konsumatur li jieħu azzjon legali jew jeżerċita kull rimedju legali ieħor, b'mod partikolari billi jeħtieġ lill-konsumatur li jieħu kwistjoni esklussivament għall-arbitraġġ mhux kopert b'disposizzjonijiet legali, biex b'hekk jirristrinġu l-evidenza disponibbli għalih b'mod esaġerat jew jimponu fuqu l-oneru tal-prova li, skond il-liġi applikabbli, għandu jkun fuq parti oħra tal-kuntratt".

2. Id-Direttiva 2005/29/KE

14. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU 2005, L 149, p. 22, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 86), intitolat "Azzjonijiet Qarrieqa", jipprovdi:

"1. Prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa jekk tikkontjeni tagħrif falz u li għalhekk ma tikkorrispondix għall-verità jew li b'xi mod, anki bil-preżentazzjoni totali tagħha, tqarraq jew x'aktarx tqarraq bil-konsumatur medju, anke jekk it-tagħrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward ta' wieħed jew iktar mill-elementi li ġejjin, u li f'kull każ iġġiegħlu jew x'aktarx iġġiegħlu jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra:

[…]

(g) id-drittijiet tal-konsumatur […]".

15. Skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2005/29, intitolat "Ommissjonijiet Qarrieqa":

"Prattika kummerċjali għandha titqies wkoll bħala ommissjoni qarrieqa meta kummerċjant jaħbi jew jipprovdi b'manjiera mhux ċara, mhux intelliġibbli, ambigwa u/jew mhux f'waqtha dak it-tagħrif importanti msemmi fil-paragrafu 1, b'kont meħud tal-kwistjonijiet deskritti f'dak il-paragrafu, jew ma jonqos milli jidentifika l-intenzjoni kummerċjali wara l-prattika kummerċjali jekk din ma tkunx diġà apparenti mill-kuntest u fejn, […] din tikkawża jew x'aktarx tikkawża li l-konsumatur medju jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra".

II. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16. Fis-27 ta' Ottubru 2008, il-Bank u O. L. Tóth, li, fil-kuntest tal-ftehim, kienet qiegħda taġixxi għal skopijiet li ma kinux jaqgħu fil-kuntest tal-attività kummerċjali jew professjonali tagħha, ikkonkludew kuntratt ta' self għax-xiri ta' proprjetà residenzjali. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-istatus ta' O. L. Tóth bħala konsumatur għall-finijiet tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva tal-1993.

17. Fl-istess jum, O. L. Tóth dehret quddiem nutar u ddikjarat li hija kienet konxja ta' kull waħda mill-klawżoli tal-kuntratt ta' self. Din id-dikjarazzjoni ġiet inkorporata f'att awtentiku intitolat "Dikjarazzjoni unilaterali ta' rikonoxximent tad-dejn".

18. Il-klawżola I.4 tal-kuntratt ta' self, li tagħmel ukoll parti mill-att awtentiku ppreparat min-nutar, hija fformulata kif ġej:

"Sabiex tiġi deċiża kwalunkwe tilwima li tikkonċerna l-bilanċ tal-kontijiet jew sabiex tiġi ssodisfatta talba tal-Bank, biex jiġi ddeterminat l-ammont tas-self jew ta' kwalunkwe dejn ieħor mhux imħallas f'mument partikolari skont dan id-dokument, biex tiġi ddeterminata d-data effettiva tal-iżbors u d-data tal-eżiġibbiltà ta' obbligu ta' ħlas, jew biex jiġi ddeterminat kwalunkwe fatt jew informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja forzata, il-partijiet jiddikjaraw li huma marbutin li jaċċettaw bħala prova li għandha s-saħħa probatorja att konkluż fil-forma awtentika mfassal b'mod konformi mal-kontijiet miftuħa mid-debitur fil-Bank u mar-reġistri u l-kotba tal-kontijiet tal-Bank.

Konsegwentement, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas lura tal-kapital jew tal-ammont pagabbli fuqu, jew fil-każ li l-ħlas lura ma jkunx konformi mal-kuntratt, flimkien ma' dan id-dokument, l-att konkluż fil-forma awtentika mfassal skont il-kontijiet miftuħa mid-debitur fil-Bank u skont ir-reġistri u l-kotba tal-kontijiet tal-Bank għandu jservi bħala prova tas-self u tal-ammont pagabbli fuqu mhux imħallsa f'mument partikolari li jipprovdi bażi għall-eżekuzzjoni forzata, u tal-fatti li sar riferiment għalihom iktar 'il fuq, u, bl-iffirmar ta' dan il-kuntratt, il-partijiet jaqblu li jintrabtu biex jaċċettaw id-dokument probatorju msemmi.

Jekk proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata jinbdew mill-Bank, il-partijiet jew id-debitur għandhom jistaqsu lin-nutar li jkun iċċertifika dan id-dokument, jew lil kwalunkwe nutar ieħor kompetenti, biex joħroġ att notarili mfassal skont il-kontijiet miftuħa mid-debitur fil-Bank u skont ir-reġistri u l-kotba tal-kontijiet tal-Bank, wara li l-ewwel ikun għamel eżami tar-reġistri, u bi stqarrija tal-ammont tas-self u tal-ammont pagabbli fuqu li għadhom ma tħallsux, jew ta' kwalunkwe dejn ieħor relatat li jirriżulta mis-self imsemmi iktar 'il fuq, kif ukoll tal-fatti u l-informazzjoni msemmijin iktar 'il fuq, u għandhom jawtorizzaw it-tneħħija tal-kunfidenzjalità bankarja fir-rigward tal-informazzjoni inkwistjoni".

19. Barra minn hekk, skont il-kuntratt ta' self u d-dikjarazzjoni unilaterali ta' rikonoxximent tad-dejn, fil-każ ta' ksur serju tal-kuntratt mid-debitur, bħalma huwa nuqqas tat-twettiq tal-obbligi tal-ħlas tiegħu, il-Bank huwa intitolat ixolji l-kuntratt b'effett immedjat u jiddikjara l-bilanċ tas-self li jkun għadu dovut, flimkien mal-interessi u l-ispejjeż.

20. Fil-5 ta' Jannar 2016, O. L. Tóth ippreżentat rikors sabiex jiġi ddikjarat li kemm il-klawżola I.4 tal-kuntratt ta' self kif ukoll id-dispożizzjoni korrispondenti fl-att notarili kienu inġusti. Insostenn tar-rikors tagħha, hija allegat li din il-klawżola kienet taqleb l-oneru tal-prova għad-detriment tagħha.

21. Fir-risposta tiegħu, il-Bank isostni li l-klawżola ma kinitx inġusta għaliex hija la tippermetti lill-Bank biex unilateralment jiddetermina jekk O. L. Tóth issodisfatx l-obbligu tagħha, la biex jikkwantifika l-ammont dovut minnha, u lanqas biex jirrestrinġi l-opportunitajiet ta' O. L. Tóth biex tinvoka d-drittijiet tagħha u lanqas ma taqleb l-oneru tal-prova, għaliex ma tistax titqies bħala rikonoxximent tad-dejn.

22. Il-qorti tal-ewwel istanza ċaħdet ir-rikors. Hija qieset li l-klawżola ma kinitx tistabbilixxi dispożizzjoni vinkolanti fuq il-partijiet fir-rigward tat-twettiq tal-obbligi tad-debitur, li ma kienet tinkludi l-ebda rikonoxximent tad-dejn, u lanqas ma kienet tippermetti lill-Bank biex jiddetermina unilateralment l-ammont li għadu dovut minn O. L. Tóth jew jekk hija aġixxietx biex twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha. Barra minn hekk, il-fatt li O. L. Tóth aċċettat li att notarili jista' jiġi eżegwit, ma kienx ifisser li hija ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li tikkontesta l-ammont tad-dejn għaliex hija kienet għadha tista' tressaq, pereżempju, talba għal sospensjoni (jew għal limitazzjoni) tal-eżekuzzjoni.

23. O. L. Tóth sussegwentement appellat quddiem il-qorti tar-rinviju. Insostenn tal-appell tagħha, hija sostniet li l-klawżola setgħet twassal għal żbilanċ bejnha u bejn il-konvenut, għaliex tagħmilha iżjed faċli għal dan tal-aħħar biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu filwaqt li tagħmilha diffiċli għaliha biex tikkontesta l-ammont tad-dejn irreġistrat fil-kotba tal-Bank.

24. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tindika, l-ewwel nett, li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 ma huwiex ċar. Fil-fatt, il-punt 1 ta' dan l-anness fil-verżjoni Ungeriża jirreferi għas-"suġġett jew l-effett" tal-klawżoli, filwaqt li verżjonijiet b'lingwi oħra, pereżempju, il-verżjonijiet bil-Ġermaniż, bil-Pollakk, biċ-Ċek jew bl-Islovakk, jużaw l-espressjoni "għan jew effett". Fid-dawl ta' din id-differenza fil-formulazzjoni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, sabiex klawżola taqa' taħt il-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva, ikunx suffiċjenti li l-għan tagħha jkun li taqleb l-oneru tal-prova.

25. Barra minn hekk, meta klawżola tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993, tqum il-kwistjoni dwar jekk għadux neċessarju li jiġi eżaminat sa fejn il-klawżola ħolqot żbilanċ għad-detriment tal-konsumatur. Fil-fatt, minkejja li sostniet li kienet kompletament konxja tal-fatt li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-anness li għalih jirreferi l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-1993 jinkludi biss lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' klawżoli li jistgħu jitqiesu inġusti, il-qorti tar-rinviju tinnota li, fis-sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242), din il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll li "[g]ħalkemm il-kontenut tal-anness inkwistjoni ma huwiex ta' natura li jistabbilixxi awtomatikament u fih innifsu n-natura inġusta ta' klawżola kontenzjuża, madankollu huwa jikkostitwixxi element essenzjali li fuqu l-qorti kompetenti tista' tibbaża l-evalwazzjoni tagħha tan-natura inġusta ta' din il-klawżola".

26. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju tindika li l-Kúria (il-Qorti Suprema) ddeċidiet li klawżola, simili għal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala rikonoxximent tad-dejn u ma taffettwax is-sitwazzjoni legali tal-konsumatur fir-rigward tal-mezzi għall-eżekuzzjoni tat-talba, għaliex il-leġiżlazzjoni tagħtih id-dritt li jibda proċeduri għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni jew biex jiġi ddikjarat li x-xoljiment ma għandu l-ebda effett legali. Il-Kúria (il-Qorti Suprema) iddikjarat ukoll li klawżola simili ma tqiegħedx, minnha nnifisha, lill-konsumatur fi żvantaġġ fir-rigward tal-oneru tal-prova. Fil-fatt, peress li dak li jislef jista' jieħu d-deċiżjoni li jtemm il-kuntratt fuq il-bażi tar-reġistri tiegħu stess, huwa inerenti f'tali sitwazzjoni li l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-konsumatur. B'mod simili, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tawtorizza lil kull persuna li tislef biex titlob dikjarazzjoni notarili, anki jekk il-kuntratt mad-debitur ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni espliċita f'dan ir-rigward. Għalhekk, għall-Kúria (il-Qorti Suprema), la hija l-klawżola u lanqas l-att notarili li jibdlu l-oneru tal-prova billi jirrendu iktar diffiċli għall-konsumatur li jiddefendi lilu nnifsu, iżda huma pjuttost ir-regoli li jirregolaw l-atti notarili li għandhom saħħa probatorja u l-klawżoli ta' eżekuzzjoni li jagħmlu dan.

27. Il-qorti tar-rinviju madankollu tindika li hija għad għandha dubju dwar jekk il-klawżola I.4 għandhiex titqies li taqa' taħt il-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993.

28. Hija tosserva li, minn naħa, filwaqt li din il-klawżola hija grammatikalment komprensibbli, il-konsegwenzi tagħha ma humiex ċari għall-konsumatur għaliex hija tagħti l-impressjoni li, malli kuntratt jiġi ffirmat, l-eżekuzzjoni tal-att notarili ser isservi bħala prova inkonfutabbli u affidabbli ta' kwalunkwe dejn li jista' jirriżulta mill-kuntratt fil-futur. Hija ssostni li dan kollu għandu effett dirett fuq id-deċiżjoni tal-konsumatur li jeżerċita d-drittijiet tiegħu kontra l-persuna li tislef.

29. Min-naħa l-oħra, il-klawżola I.4 jista' jkollha konsegwenzi negattivi għall-konsumatur anki jekk, skont l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kúria (il-Qorti Suprema), din il-klawżola ma hijiex il-bażi tad-dritt tal-persuna li tislef li tibda azzjoni ta' eżekuzzjoni diretta. Fil-fatt, il-Bank ikun intitolat, billi jinvoka l-klawżola I.4, li ma jipparteċipax f'negozjati ġusti u ekwi mad-debitur, għaliex dan tal-aħħar ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu biss permezz ta' proċeduri ġudizzjarji twal u li jiswew ħafna flus, u, filwaqt li dawn il-proċeduri jkunu għadhom għaddejjin, id-debitur ikun obbligat jagħmel il-pagament tas-somom eċċessivi dovuti taħt il-klawżoli inġusti jekk ikun jixtieq jevita l-konsegwenzi tax-xoljiment tal-kuntratt.

30. It-tielet nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-klawżola I.4 għandhiex tiġi ddikjarata inġusta fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993. Fil-fatt, skont is-sentenzi tal-Kúria (il-Qorti Suprema), tali klawżola ma taqlibx l-oneru tal-prova. Madankollu, diversi qrati nazzjonali ddeċidew b'mod differenti f'bosta kawżi simili. Minħabba dan il-korp ta' ġurisprudenza Ungeriża, il-konsumaturi ma humiex f'pożizzjoni li jindunaw li din id-dispożizzjoni apparentament ċara ma għandha, fil-fatt, l-ebda effett fuq l-oneru tal-prova.

31. Ir-raba' nett, il-qorti tar-rinviju tinnota li, skont il-formulazzjoni tal-klawżola I.4, id-dikjarazzjoni li tinsab fl-att notarili għandha tiġi mfassla biss fuq il-bażi tal-informazzjoni rreġistrata mill-persuna li tislef fir-rigward tal-eżekuzzjoni mid-debitur tal-obbligi tiegħu sa dak il-punt. Għalhekk, din il-klawżola tista' titqies li tawtorizza lill-persuna li tislef biex unilateralment tiddeċiedi jekk l-obbligi tal-konsumatur ġewx issodisfatti skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u, konsegwentement, tista' taqa' taħt il-punt 1(m) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993.

32. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva [tal-1993] għandu jiġi interpretat fis-sens li dan tal-aħħar, bħala dispożizzjoni ta' natura leġiżlattiva tad-dritt tal-Unjoni fil-grad ta' regola ta' ordni pubbliku, jipprojbixxi b'mod ġenerali u b'mod li jirrendi superfluwu kull eżami addizzjonali, l-impożizzjoni mill-kreditur ta' klawżola kuntrattwali standard jew mhux innegozzjata individwalment li jkollha bħala l-għan jew l-effett tagħha li taqleb l-oneru tal-prova billi dan tpoġġih għal karigu tad-debitur fil-kwalità tiegħu ta' konsumatur?

2) F'każ li jkun meħtieġ li jiġi evalwat l-għan jew l-effett tal-klawżola kuntrattwali abbażi tal-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva [tal-1993], tista' tiqies bħala li tostakola l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-konsumaturi l-klawżola kuntrattwali

   – li skontha d-debitur fil-kwalità tiegħu ta' konsumatur jista' b'mod leġittimu jippreżumi li għandu jeżegwixxi l-kuntratt fl-intier tiegħu, bil-klawżoli kollha tiegħu, skont il-modalitajiet u kif rikjest mill-kreditur, anki jekk l-imsemmi debitur ikun konvint li l-prestazzjonijiet rikjesti mill-kreditur ma humiex dovuti, totalment jew parzjalment, jew

   – li għandha l-effett li teskludi jew tirrestrinġi l-aċċess tal-konsumatur għal metodu ta' soluzzjoni ta' tilwimiet bbażat fuq negozjati leali, peress li huwa suffiċjenti għall-kreditur li japplika din il-klawżola sabiex it-tilwima titqies li ġiet irregolata?

3) Fil-każ li n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali elenkati fl-Anness tad-Direttiva jkollha tiġi ddeterminata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kriterji stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva [tal-1993], klawżola li għandha effett fuq id-deċiżjonijiet tal-konsumatur dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, ir-riżoluzzjoni tat-tilwimiet mal-kreditur b'mezzi bonarji jew kontenzjużi jew anki l-implimentazzjoni tad-drittijiet tiegħu, hija konformi mal-prinċipju ta' formulazzjoni ċara u komprensibbli tal-klawżoli, stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva, meta filwaqt li l-klawżola inkwistjoni tkun ċertament ċara, iżda li l-effetti legali tagħha jkunu jistgħu jiġu stabbiliti biss bl-għajnuna ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li ma jkunux suġġetti għal ġurisprudenza uniformi la fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt, u lanqas fis-snin suċċessivi?

4) Il-punt 1(m) tal-Anness tad-Direttiva [tal-1993] għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozzjata b'mod individwali tista' tkun inġusta anki fil-każ li din tawtorizza l-kummerċjant jevalwa unilaterlament jekk il-prestazzjoni tal-konsumatur ġietx eżegwita b'mod konformi mal-kuntratt, u meta din il-klawżola tkun ġiet rikonoxxuta mill-konsumatur bħala li torbtu, anki qabel ma tkun twettqet ebda prestazzjoni mill-partijiet kontraenti?"

III. Analiżi

A. Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

33. Il-Bank isostni li d-domandi magħmula huma ipotetiċi u, konsegwentement, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni biex tirrispondihom. Fil-fatt, kuntrarjament għas-suppożizzjoni tal-qorti tar-rinviju fl-ewwel, fit-tieni u fir-raba' domanda tagħha, il-Bank isostni li l-klawżola inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex l-effett li taqleb l-oneru tal-prova, lanqas ma teskludi jew tirrestrinġi l-possibbiltà li l-konsumatur jieħu azzjoni legali, u lanqas ma tippermetti lill-Bank jevalwa unilateralment jekk il-konsumatur wettaqx l-obbligi kuntrattwali tiegħu. B'mod simili, kuntrarjament għall-ipoteżi ppreżentata fit-tielet domanda, huwa jsostni li l-ġurisprudenza nazzjonali ma hijiex fil-fatt diverġenti għaliex il-Kúria (il-Qorti Suprema) minn dakinhar iddeċidiet, f'diversi sentenzi reċenti, dwar il-portata ta' klawżola komparabbli għal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

34. F'dan ir-rigward, għandu jiġi innotat, l-ewwel nett, li jekk il-Bank jikkontesta formalment il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-argument tiegħu għandu jiġi interpretat fis-sens li jqiegħed f'dubju l-ammissibbiltà tad-domandi magħmula [2].

35. It-tieni nett, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom biex jiddeċiedu l-kawża mressqa quddiemhom [3]. Hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha tressqet il-kawża u li għandha r-responsabbiltà li tagħti d-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, kemm il-ħtieġa għal deċiżjoni preliminari biex tkun tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja [4].

36. Konsegwentement, fejn id-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista', naturalment, tirrifjuta li tiddeċiedi fuq domanda magħmula minn qorti nazzjonali biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha l-ebda konnessjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi magħmula [5]. Minkejja dan, il-fatt li waħda mill-partijiet fil-kawża prinċipali tikkontesta r-rilevanza tad-domanda preliminari għar-riżoluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali ma jistax fih innifsu jiġġustifika l-konklużjoni li dawn id-domandi għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli.

37. Fil-kawża ineżami, ma joħroġx b'mod manifest mill-preżentazzjoni tal-kawża magħmula mill-qorti tar-rinviju li l-ipoteżijiet previsti fid-domandi tagħha ma jikkorrispondux għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tiddeċiedi li dawn id-domandi huma inammissibbli [6].

2 Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni biex tirrispondi domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali, ħlief fejn is-suġġett tad-domanda jmur lil hinn mill-ambitu sostantiv ta' ġurisdizzjoni tagħha ddefinit mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267(1) TFUE, jiġifieri l-interpretazzjoni tat-Trattati u l-validità u l-interpretazzjoni tal-atti ta' istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni.

3 Sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov (C-614/14, EU:C:2016:514, punt 16).

4 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Sbarigia (C-393/08, EU:C:2010:388, punti 19 sa 20). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 267 TFUE, biex tevalwa l-fatti u tapplika d-dritt tal-Unjoni għal każ partikolari. Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punt 104) u tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 22).

5 Sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank *et* (C-51/17, EU:C:2018:750, punt 37).

6 Is-sentenzi mogħtija mill-Kúria (il-Qorti Suprema) li huma msemmija mill-Bank ġew kollha mogħtija qabel il-fatti ta' din il-proċedura.

B. Fuq il-mertu

1. Osservazzjonijiet preliminari

38. Sa fejn diversi domandi jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993, inqis li huwa qabel kollox neċessarju li jiġu indirizzati d-dubji espressi mill-qorti nazzjonali fid-domanda tagħha dwar il-formulazzjoni tal-ewwel sentenza ta' dan l-anness.

39. F'dan il-każ, huwa ċar mis-sbatax-il premessa, kif ukoll mill-Artikolu 3(3), li l-Anness tad-Direttiva tal-1993 huwa intiż li jinkludi lista li ma hijiex eżawrjenti ta' eżempji ta' klawżoli li *jistgħu* jiġu ddikjarati bħala inġusti fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva minħabba l-għan jew l-effett tagħhom.

40. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 jiddefinixxi l-kunċett ta' klawżola inġusta bħala kwalunkwe klawżola li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment u li, minkejja r-rekwiżit ta' *bona fide*, tkun toħloq żbilanċ sinjifikattiv għad-detriment tal-konsumatur fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt. Għaldaqstant, fl-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola li tkun is-suġġett tal-istħarriġ tagħhom, il-qrati nazzjonali għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-għan jew l-effett ta' tali klawżoli.

41. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li din id-direttiva tobbliga lill-Istati Membri li jissostitwixxu l-ekwilibriju formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet b'ekwilibriju reali li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dawn tal-aħħar [7], li jippreżupponi li l-element deċiżiv huwa l-effetti prodotti permezz tal-klawżoli tal-kuntratt u mhux l-għan segwit mill-awtur tagħhom.

42. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra li l-punt 1 tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 għandu jinqara, fi kwalunkwe verżjoni lingwistika, bħala riferiment għall-"għan jew l-effett" u mhux għas-"suġġett jew l-effett" ta' klawżoli kuntrattwali.

43. It-tieni nett, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-ġurisdizzjoni rilevanti ta' din tal-aħħar testendi għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' klawżola inġusta użat fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 u fl-anness tagħha, kif ukoll għall-kriterji li l-qorti nazzjonali tista' jew għandha tapplika fl-eżami ta' klawżola kuntrattwali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Madankollu, hija l-imsemmija qorti li għandha tiddeċiedi, billi tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-kriterji, dwar il-klassifikazzjoni konkreta ta' klawżola kuntrattwali partikolari skont iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ineżami [8].

2. Fuq l-ewwel domanda

44. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa jammonta għal projbizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe klawżola li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment u li l-għan jew l-effett tagħha huwa li jaqleb l-oneru tal-prova fejn dan l-oneru għandu, skont id-dritt applikabbli, naturalment jaqa' fuq il-parti l-oħra.

7 Sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 Digriet tal-14 ta' Novembru 2013, Banco Popular Español *et* (C-537/12 u C-116/13, EU:C:2013:759, punt 63).

45. F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel nett jitfakkar li l-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 jikkonċerna klawżoli li għandhom l-għan jew l-effett li "jeskludu jew ifixklu d-dritt tal-konsumatur li jieħu azzjon legali jew jeżerċita kull rimedju legali ieħor, […] biex b'hekk jirristrinġu l-evidenza disponibbli għalih b'mod esaġerat jew jimponu fuqu l-oneru tal-prova li, skond il-liġi applikabbli, għandu jkun fuq parti oħra tal-kuntratt". Għalhekk, kwalunkwe klawżola, li għandha l-għan jew l-effett li taqleb b'mod inġust l-oneru tal-prova fuq konsumatur għandha tiġi eżaminata taħt il-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993.

46. Madankollu huwa ċar mill-kliem innifsu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-1993 li l-anness ta' din id-direttiva jinkludi lista ta' klawżoli li *jistgħu* - u mhux li għandhom - jiġu ddikjarati inġusti [9]. Konsegwentement, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, "[k]lawżola li tidher hemmhekk ma għandhiex neċessarjament tiġi kkunsidrata bħala inġusta u [li], għall-kuntrarju, klawżola li ma tidhirx hemmhekk tista' madankollu tiġi ddikjarata inġusta" [10]. Għalhekk, biex klawżola tiġi ddikjarata inġusta, din tal-aħħar għandha tiġi suġġetta għat-test stabbilit fl-Artikolu 3(1) anki jekk, kif ser nispjega iktar 'il quddiem, xi elementi ta' dan it-test jistgħu jiġu preżunti bħala ssodisfatti jekk id-dispożizzjoni kuntrattwali inkwistjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-anness.

47. Għaldaqstant, il-punt 1(q) tal-Anness ma jistax, fid-dritt tal-Unjoni, jitqies li jipprevedi projbizzjoni ġenerali tal-klawżoli li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji elenkati fih. Huwa biss eżempju ta' klawżola li *jista'* jiġi ddikjarat inġust.

48. Madankollu, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-1993 jagħti lill-Istati Membri d-dritt li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet iktar stretti biex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni għall-konsumatur.

49. Għalhekk, bħalma l-Kummissjoni indikat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha - u li r-rappreżentant tagħha kkonferma wkoll fil-proċedura orali - il-kompiti assenjati lill-qrati nazzjonali jiddependu minn jekk l-Istat Membru kkonċernat iddeċidiex, permezz ta' miżuri leġiżlattivi xierqa, li jirrendi l-lista tal-klawżoli li tinsab fil-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 waħda li torbot legalment, u mhux waħda li hija sempliċement u purament indikattiva.

50. Fis-sitwazzjoni fejn l-Istat Membru ma jkunx ħa dan il-pass b'tali mod li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tqisx il-klawżoli li jaqgħu fil-kategorija msemmija fil-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 bħala inġusti, il-qrati nazzjonali għandhom jeżaminaw, fid-dawl tad-definizzjoni tal-kunċett ta' klawżola inġusta mogħtija fl-Artikolu 3(1) u l-kjarifiki magħmula fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva fir-rigward tal-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni f'din l-evalwazzjoni, jekk il-klawżoli suġġetti għall-istħarriġ tagħhom għandhomx jitqiesu inġusti [11].

51. Kuntrarjament, fis-sitwazzjoni fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun fil-fatt iddeċieda li l-klawżoli li jaqgħu fil-kategorija msemmija fil-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 għandhom jitqiesu inġusti, il-qrati nazzjonali jkunu għaldaqstant obbligati li jiddikjaraw kwalunkwe klawżola li għandha l-għan jew l-effett li taqleb l-oneru tal-prova fuq il-konsumaturi bħala inġusta, mingħajr il-ħtieġa li jiġi applikat it-test stabbilit fl-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat, li, meta Stat Membru jkun ħa tali passi, ma huwiex il-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 li jirrendi inutli kwalunkwe analiżi ulterjuri skont l-Artikolu 3(1), iżda hija l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni li tagħmel dan.

9 L-użu tal-verb "jistgħu" jidher iktar deċiżiv f'dan ir-rigward mir-riferiment magħmul fis-sbatax-il premessa jew fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-1993 għan-natura "indikattiva" ta' dan l-anness. Fil-fatt, u bħalma l-Kummissjoni enfasizzat fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta eżaminata mill-ġdid għal direttiva tal-Kunsill dwar klawżoli inġusti f'kuntratti tal-konsumatur (COM (93) 11 finali) dan l-aġġettiv huwa ambigwu. Fil-fatt, dan jista' jindika li l-lista li tinsab fl-anness ta' din id-direttiva hija inkompleta, jew li ma għandhiex saħħa probatorja partikolari.

10 Sentenza tas-7 ta' Mejju 2002, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-478/99, EU:C:2002:281, punt 20).

11 Sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (C-484/08, EU:C:2010:309, punt 33).

52. Fir-rigward tal-proċedura fil-kawża prinċipali, bħalma kkonfermaw il-partijiet kollha fil-proċedura orali u kif, fil-fatt, il-qorti tar-rinviju wkoll stqarret, l-Ungerija rrevediet il-Kodiċi Ċivili tagħha biex tuża l-possibbiltà offruta fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-1993 biex tipprevedi standards ogħla ta' protezzjoni tal-konsumatur minn dawk rikjesti mill-kliem tad-direttiva nnifisha. Madankollu, sa fejn l-Ungerija ma kinitx marbuta li tieħu tali deċiżjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-obbligu impost fuq il-qrati nazzjonali tagħha li jiddikjaraw nulli, b'mod awtomatiku, il-klawżoli kuntrattwali koperti mill-punt 1(q) tal-Anness, jaqa' taħt id-*dritt nazzjonali* u mhux taħt id-dritt tal-Unjoni.

53. Għalhekk, nemmen li, bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun fin-negattiv. Fi kliem sempliċi, ir-risposta għandha tkun li l-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 ma jistax jiġi interpretat bħala projbizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe klawżola kuntrattwali li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

54. Minkejja l-fatt li l-qorti tar-rinviju għamlet sommarju perfettament tajjeb tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar din il-kwistjoni, din il-qorti madankollu esprimiet il-bżonn li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effett tal-Anness tad-Direttiva tal-1993. F'dawn iċ-ċirkustanzi nikkunsidra, għalhekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' ssibha utli li tieħu din l-okkażjoni biex tiċċara ċerti aspetti tat-test li għandu jiġi applikat biex jiġi ddeterminat taħt liema kundizzjonijiet klawżola li taqleb l-oneru tal-prova għandha tiġi kkunsidrata inġusta skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993.

55. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja preċedentement iddeċidiet li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 jistabbilixxi żewġ kriterji għad-definizzjoni tal-kunċett ta' klawżoli inġusti, speċifikament, minn naħa, l-"assenza ta' *bona fide*" u, min-naħa l-oħra, "l-eżistenza ta' żbilanċ sinjifikattiv, għad-detriment tal-konsumatur, bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet taħt il-kuntratt". Skont il-ġurisprudenza, l-ewwel kundizzjoni tinvolvi eżami dwar jekk il-bejjiegħ jew il-fornitur, fuq il-bażi ta' aġir ġust u ekwu fil-konfront tal-konsumatur, setax raġonevolment jistenna li dan tal-aħħar jaċċetta tali klawżola wara negozjati kuntrattwali individwali, filwaqt li t-tieni waħda teħtieġ eżami dwar jekk il-kuntratt iqiegħedx lill-konsumatur f'sitwazzjoni legali inqas favorevoli meta mqabbla ma' dik prevista mid-dritt nazzjonali fis-seħħ [12].

56. Madankollu, jiena ma naħsibx li dawn iż-żewġ kriterji għandhom jiġu evalwati separatament.

57. L-ewwel nett, mill-perspettiva tal-formulazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993, għandu jiġi nnotat li l-kliem "*buona fede*" u "żbilanċ sinifikanti" huma grammatikalment marbutin bil-prepożizzjoni "kontra l-". L-użu ta' din il-prepożizzjoni ma jimplikax li s-sitwazzjoni deskritta tikkostitwixxi kundizzjoni separata, iżda jservi biex jenfasizza l-fatt li l-ħolqien ta' żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet, permezz tal-kuntratt, huwa l-oppost tal-*bona fide* normalment mistennija. Għaldaqstant, huwa ċar li klawżola inkluża f'kuntratt konklużż ma' konsumatur li ma tkunx ġiet individwalment innegozjata tista' titqies inġusta għall-finijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 biss jekk:

– hija toħloq żbilanċ sinjifikattiv fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, u

– dan l-iżbilanċ ikun għad-detriment tal-konsumatur.

12 Ara s-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punti 68 u 69), tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60, punti 58 sa 60), tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 56).

58. Għaldaqstant, peress li fl-ordinamenti ġuridiċi li jużaw dan il-preċett, il-*bona fide* hija dejjem preżunta, l-espressjoni "kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*" għandha tinftiehem sempliċement bħala riferiment għas-sitwazzjoni li kienet tkun teżisti fl-assenza ta' żbilanċ sinjifikattiv u *mhux* li tikkwostitwixxi *minnha nnifisha* kundizzjoni separata. Fi kliem ieħor, il-kliem "kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*" huwa essenzjalment deskrizzjoni tas-sitwazzjoni li tiġi fis-seħħ fejn ikun hemm, fil-fatt, żbilanċ sinjifikattiv fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet b'tali mod li jagħti lok għal detriment għall-konsumatur.

59. It-tieni nett, fir-rigward tal-għanijiet segwiti mid-Direttiva tal-1993, is-sittax-il premessa tispjega li r-rekwiżit ta' *bona fide* jimplika evalwazzjoni globali tad-diversi interessi fid-dawl, b'mod partikolari, tas-saħħa tal-pożizzjonijiet ta' negozjar tal-partijiet. Dan juri għal darba oħra li ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jistabbilixxi linja ċara bejn dawn iż-żewġ kunċetti, u wisq inqas li jistabbilixxi prinċipju ta' *bona fide* bħala test indipendenti li jkopri kollox, u li huwa separat mid-dispożizzjonijiet speċifiċi l-oħrajn tad-Direttiva tal-1993.

60. It-tielet nett, minn perspettiva sistemika, kif ċerti awturi enfasizzaw, klawżola li toħloq żbilanċ sinjifikattiv fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet tmur minnha nnifisha kontra l-prinċipju ta' *bona fide* [13].

61. F'dan il-kuntest, wieħed jista' jassumi wkoll li r-riferiment magħmul fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 għall-eżistenza ta' "żbilanċ sinifikanti" fir-rigward tal-kunċett ta' "*buona fede*" jista' jiġi spjegat bl-assenza ta' prinċipju ġenerali ta' *bona fide* fit-tradizzjonijiet ta' common law kif rifless fid-dritt Ingliż u Irlandiż [14]. Barra minn hekk, billi jagħmel ir-rekwiżit ta' *bona fide* dipendenti fuq l-eżistenza ta' żbilanċ sinjifikattiv, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 jagħti definizzjoni oġġettiva għal dak li jista' jammonta, inkella, għal fehim diverġenti tal-prinċipju ta' *bona fide*, anki f'dawk l-Istati Membri li jsegwu t-tradizzjoni tad-dritt ċivili. Id-Direttiva tal-1993 tista' għalhekk tingħad li tirrikonċilja f'dan ir-rigward l-approċċi varji li jeżistu fl-Istati Membri fil-qasam tar-relazzjonijiet kuntrattwali.

62. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, nikkunsidra għaldaqstant li, minkejja r-riferiment magħmul fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 għall-*bona fide*, in-natura inġusta ta' klawżola tista' tiġi dedotta mis-sempliċi fatt li tali klawżola tipproduċi żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet kuntrattwali tal-partijiet, u b'hekk tikkawża detriment għall-konsumatur. Dan huwa essenzjalment l-uniku test tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 u ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit, minbarra dan, li din il-klawżola ddaħħlet minħabba l-assenza tal-bona fide.

63. It-tieni kjarifika li tista' ssir b'mod utli tikkonċerna n-natura legali tal-Anness. Għalkemm il-fatt li klawżola partikolari hija inkluża fl-Anness ma huwiex, minnu nnifsu, suffiċjenti biex jistabbilixxi awtomatikament in-natura inġusta ta' klawżola kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "madankollu huwa jikkostitwixxi element essenzjali li fuqu l-qorti kompetenti tista' tibbaża l-evalwazzjoni tagħha tan-natura inġusta ta' din il-klawżola" [15].

64. Ir-riferiment hawnhekk għal "element essenzjali" huwa, forsi, kwistjoni li tista' tiġi ċċarata b'mod utli għaliex ma naħsibx li dan il-kliem kien intiż biex - jew saħansitra jista' – jinftiehem assolutament letteralment.

13 Ara, pereżempju, Tenreiro M., "The Community Directive on Unfair Terms and National Legal Systems – The Principle of Good Faith and Remedies for Unfair Terms" (1995) Vol. 3, *European Review of Private Law*, Ħarġa 2, 273 fil-p. 279.

14 Għad-dritt Ingliż, ara, pereżempju, *Globe Motors Inc vs TRW Lucas Variety Electric Steering Ltd* (2016) EWCA Civ 396., u għad-dritt Irlandiż, *Flynn &. Benray vs Breccia & McAteer* (2017) IECA 7, (2017) 1 ILRM 369, Morrissey vs Irish Bank Resolution Corporation (2017) IECA 162.

15 Sentenzi tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 26), u tat-30 ta' Mejju 2013, Asbeek Brusse *et* (C-488/11, EU:C:2013:341, punt 55).

65. L-ewwel nett, jista' jiġi osservat li, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-kontenut tal-Anness ma huwiex suffiċjenti "fih innifsu" u ma jistabbilixxix "awtomatikament" għall-finijiet tad-dritt tal-Unjoni n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja wkoll qatt ma eskludiet b'mod espliċitu l-possibbiltà li l-Anness jista' jkun mill-inqas parzjalment jew anki preżumibbilment indikattiv tan-natura inġusta ta' klawżola partikolari.

66. It-tieni nett, kull kategorija ta' klawżoli msemmija fl-Anness tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn l-eżistenza ta' żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet hija tant ovvja li huwa diffiċli li wieħed jara kif tista' tkun mod ieħor.

67. Konsegwentement, nikkunsidra li l-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li l-Anness tad-Direttiva tal-1993 huwa "element essenzjali li fuqu l-qorti kompetenti tista' tibbaża l-evalwazzjoni tagħha tan-natura inġusta ta' din il-klawżola" għandha tinftiehem fis-sens li, meta klawżola tissodisfa l-kriterji biex taqa' taħt waħda mill-kategoriji msemmijin fl-Anness, il-qrati nazzjonali jistgħu jippreżumu li din il-klawżola toħloq żbilanċ [16]. Madankollu, peress li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 jirreferi għal sitwazzjonijiet ta' żbilanċi li huma, l-ewwel nett, sinjifikattivi u, it-tieni nett, ta' detriment għall-konsumaturi, u, it-tielet nett, jikkonċernaw id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, il-qrati nazzjonali huma madankollu obbligati jiżguraw li dawn it-tliet kriterji l-oħra jiġu wkoll issodisfatti qabel ma tkun tista' tintlaħaq kwalunkwe konklużjoni dwar in-natura inġusta tal-klawżola inkwistjoni [17].

68. Għaldaqstant, fil-qosor, għal dak li jikkonċerna l-ewwel domanda, jiena tal-fehma li l-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 ma jammontax għal projbizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment u li l-għan jew l-effett tagħha jkun li taqleb l-oneru tal-prova fejn dan l-oneru għandu, skont id-dritt applikabbli, naturalment jaqa' fuq il-parti l-oħra. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 jipprekludi bħala inġusta klawżola kuntrattwali li jkollha l-effett li tillimita jew teskludi l-aċċess tal-konsumatur għal mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwimiet, f'ċirkustanzi fejn, jekk il-qorti nazzjonali kellha tikkonstata hekk, il-persuna li tislef għandha biss tinvoka din il-klawżola biex it-tilwima titqies riżolta.

3. Fuq it-tieni domanda

69. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, f'każ fejn, skont i-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993, ikun meħtieġ li jiġi evalwat l-għan jew l-effett ta' klawżola kuntrattwali, it-tipi segwenti ta' klawżoli jistgħux jitqiesu bħala li jipprekludu lill-konsumaturi milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom:

– klawżola li tagħti lil debitur fil-kwalità tiegħu ta' konsumatur raġuni tajba biex jemmen li huwa għandu jeżegwixxi l-kuntratt fl-intier tiegħu, bil-klawżoli kollha tiegħu, skont il-modalitajiet u kif rikjest mill-kreditur, anki jekk l-imsemmi debitur ikun konvint li l-eżekuzzjoni rikjesta mill-kreditur ma hijiex dovuta;

– klawżola li għandha l-effett li tillimita jew teskludi l-aċċess tal-konsumatur għal mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwimiet ibbażat fuq negozjati ekwi, peress li huwa suffiċjenti għall-kreditur li jinvoka din il-klawżola kuntrattwali biex it-tilwima titqies li ġiet riżolta.

16 Dan huwa wkoll konsistenti mal-kelma "għan" użata fl-ewwel sentenza tal-Anness li timplika li f'ċerti każijiet ċerti inferenzi dwar in-natura żbilanċjata ta' klawżola speċifika jistgħu jsiru sempliċement minħabba l-kontenut tagħha.

17 Din il-konklużjoni la hija kontradetta mill-formulazzjoni tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-1993, u lanqas minn dik tas-sbatax-il premessa. Minn naħa, l-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva ma jispeċifikax għalfejn il-kategoriji tal-klawżoli msemmijin fl-Anness ma jistgħux awtomatikament jiġu kkunsidrati inġusti. Min-naħa l-oħra, minkejja li mis-sbatax-il premessa tad-Direttiva tal-1993 jirriżulta li l-lista annessa ta' klawżoli hija ta' valur indikattiv minħabba li d-Direttiva tipprevedi biss livell ta' armonizzazzjoni minimu, tali ċirkustanza ma teskludix li l-leġiżlatur tal-Unjoni madankollu kkunsidra li n-natura minima ta' din l-armonizzazzjoni għandha tinkludi l-obbligu li l-Istati Membri jikkunsidraw li l-kategoriji tal-klawżoli msemmijin fl-Anness huma preżunti li joħolqu żbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet.

70. Fid-dawl tar-risposta għall-ewwel domanda, inqis li din it-tieni domanda għandha tinftiehem fis-sens li tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 u li hija intiża sabiex tivverifika jekk klawżola li taqa' taħt waħda miż-żewġ ipoteżijiet imsemmijin mill-qorti tar-rinviju għandhiex titqies bħala inġusta. Nipproponi, għal raġunijiet ta' konvenjenza, li nibda l-analiżi tiegħi billi qabel kollox neżamina t-tieni ipoteżi.

a) Fuq it-tieni ipoteżi: limitazzjoni tal-aċċess tal-konsumatur għas-sistema ġudizzjarja

71. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 jipprovdi li klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment "għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur".

72. Kif imsemmi iktar 'il fuq, biex jiġi vverifikat jekk, skont dan l-artikolu, klawżola tikkawżax "żbilanċ sinjifikattiv", il-qrati nazzjonali għandhom jikkomparaw id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-klawżola inkwistjoni ma' dawk li jkunu jeżistu mingħajrha [18].

73. Fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali, ninnota li, kif stabbilit fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-1993, l-Istati Membri għandhom jipprevedu regoli proċedurali li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet individwali li jirriżultaw mid-Direttiva tal-1993 biex jipprevjenu t-tkomplija fl-użu ta' klawżoli inġusti. Dan jimplika r-rekwiżit li l-konsumaturi jingħataw dritt għal rimedju effettiv, rekwiżit stabbilit ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [19].

74. Jekk il-klawżola kuntrattwali inkwistjoni f'din il-proċedura għandha l-effett li tippermetti lill-persuna li tislef li ttemm kwalunkwe tilwima billi tikkunsidraha bħala riżolta, dan essenzjalment ikun jipprekludi lid-debituri milli jibdew proċeduri huma stess. Dan, min-naħa tiegħu, ikun iċaħħad lid-debituri mid-dritt tagħhom għal rimedju effettiv. Tali klawżola toħloq, manifestament, żbilanċ profond fir-relazzjoni kuntrattwali ordinarja bejn il-partijiet għad-detriment ċar tal-konsumatur. Għaldaqstant, ikollha tiġi meqjusa inġusta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993.

75. F'din il-kawża, madankollu, l-informazzjoni inkluża fil-proċess tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li l-Kúria (il-Qorti Suprema) iddeċidiet f'serje ta' sentenzi li klawżoli simili sempliċement jirreferu għall-eżistenza ta' proċedura nazzjonali ta' eżekuzzjoni notarili, u li tali klawżoli bl-ebda mod ma kienu intiżi li jeskludu d-dritt tal-persuna li tissellef li tibda l-proċeduri ġudizzjarji xierqa.

76. F'dan il-kuntest, qabel eżami dwar jekk klawżola ta' din in-natura tistax tiġi ddikjarata inġusta, għandu qabel kollox jiġi vverifikat jekk l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-1993, li skontu kwalunkwe klawżola kuntrattwali li tirrifletti dispożizzjoni statutorja mandatorja ma għandhiex tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, japplikax.

77. F'dan ir-rigward, nikkunsidra li, peress li l-Bank ma kienx obbligat li juża l-proċedura nazzjonali ta' eżekuzzjoni notarili, tali klawżola ma tistax titqies li hija imperattiva għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' esklużjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-1993.

18 Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 68).

19 Sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711, punt 59).

78. Madankollu, bħalma diġà osservajt, l-ekwità ta' klawżola kuntrattwali għandha tiġi evalwata billi jiġu kkomparati d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti mill-kuntratt ma' dawk li kienu jkunu jeżistu fl-assenza tiegħu. Għaldaqstant, klawżola li sempliċement tiġbed l-attenzjoni tal-klijent dwar l-eżistenza ta' dispożizzjoni leġiżlattiva ma tibdilx is-sitwazzjoni tiegħu għad-detriment tiegħu. Anki fl-assenza ta' tali dispożizzjoni kuntrattwali, il-parti l-oħra kienet tkun intitolata fi kwalunkwe każ li tinvoka d-dispożizzjoni leġiżlattiva inkwistjoni, naturalment dejjem jekk din fil-fatt kienet applikabbli.

79. F'din il-kawża, id-dispożizzjoni kuntrattwali kontenzjuża tidher li tirreferi sempliċement għall-eżistenza ta' proċedura nazzjonali ta' eżekuzzjoni notarili, għalkemm din hija finalment kwistjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali. Madankollu, jekk dan ikun il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, għar-raġunijiet kollha li għadni kemm tajt, tali klawżola ma tistax tiġi kkunsidrata inġusta.

b) Fuq l-ewwel ipoteżi: il-konsumatur ingħata l-impressjoni li l-kuntratt għandu jiġi eżegwit kif rikjest mill-persuna li tislef

80. L-ewwel ipoteżi msemmija mill-qorti tar-rinviju fit-tieni domanda tirreferi essenzjalment għal klawżola kuntrattwali li, ikkunsidrata oġġettivament, tagħti l-impressjoni lil konsumatur li huwa għandu jeżegwixxi l-kuntratt skont il-mod u sa fejn huwa rikjest mill-persuna li tislef, anki jekk, essenzjalment, l-eżekuzzjoni rikjesta ma tkunx dovuta, la totalment u lanqas parzjalment.

81. Kif tispjega l-qorti tar-rinviju fit-talba tagħha, l-ipoteżi li qiegħda tiġi kkunsidrata hawn tirreferi għal klawżola kuntrattwali li, minnha nnifisha, hija perfettament ċara iżda li minkejja dan tagħti l-impressjoni lil konsumatur li, ladarba l-kuntratt jiġi fformalizzat fil-forma ta' att notarili, dan tal-aħħar iservi bħala prova inkonfutabbli u konklużiva ta' kwalunkwe dejn li jista' jqum taħt il-ftehim fil-futur. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni fil-verità hija jekk dispożizzjoni kuntrattwali tistax tiġi kkunsidrata inġusta *sempliċement* minħabba l-*impressjoni* li tista' tinħoloq fil-moħħ tal-konsumatur medju permezz ta' klawżola li mill-bqija tkun grammatikalment komprensibbli.

82. Jaf ikun inġenwu li wieħed ma jissopponix li l-persuni li jfasslu l-kuntratt jistgħu jfittxu li jieħdu vantaġġ b'diversi modi minn informazzjoni asimetrika fuq il-parti tal-konsumaturi. Strataġemma waħda ovvja u magħrufa ħafna hija li wieħed ifittex li jaħbi mill-konsumatur l-effetti legali preċiżi ta' klawżola speċifika. It-tieni waħda, li donnha qed tiġi ssuġġerita b'mod impliċitu mill-qorti tar-rinviju, tirriżulta meta l-persuna li tfassal il-kuntratt tfittex li tipperswadi lill-konsumaturi biex iġibu ruħhom b'ċertu mod meta, minn perspettiva legali, tali mġiba ma tkunx fil-fatt meħtieġa. Fi kliem ieħor, filwaqt li l-informazzjoni inkluża fil-klawżola tkun legalment eżatta, hija tkun madankollu ppreżentata b'mod li jkun kapaċi jwassal lill-konsumatur biex jaġixxi b'mod differenti [20].

83. Ovvjament, l-ewwel strataġemma (jiġifieri dik tal-ħabi) li diġà semmejt, il-klawżola inkwistjoni għandha tiġi eżaminata b'riferiment għall-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993, peress li l-qrati nazzjonali għandhom jevalwaw l-effett legali reali prodott minnha u jiddeterminaw jekk tali klawżola toħloqx żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għad-detriment tal-konsumatur.

20 Pereżempju, ir-repetizzjoni ta' ċerti espressjonijiet jew l-użu ta' formulazzjoni ssofistikata, minkejja li jkunu grammatikalment korretti u legalment eżatti, xi drabi jistgħu jagħtu l-impressjoni lill-konsumaturi li huma ma jistgħux jikkontestaw il-validità ta' klawżola, anki jekk fil-fatt huma legalment intitolati biex jagħmlu dan. Barra minn hekk, rekwiżit li jobbliga lill-konsumaturi biex jiddikjaraw quddiem nutar li huma konxji ta' kull waħda mill-klawżoli tas-self, l-inkorporazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni f'att awtentiku u mbagħad l-użu ta' diversi riferimenti għall-eżistenza ta' proċess ta' eżekuzzjoni notarili fid-dokumentazzjoni ipotekarja, għandhom mnejn, meta kkombinati ma' elementi oħra, ikollhom l-effett li jiddiswadu lill-konsumaturi milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Dan jista' jkun partikolarment minnu meta b'riferiment għal perċezzjonijiet komuni prevalenti f'dawk l-Istati Membri (bħall-Ungerija) fejn il-proċedura ta' eżekuzzjoni notarili hija użata b'mod komuni u fejn att notarili jitqies li huwa impenn irrevokabbli.

84. Dwar it-tieni strateġemma, għandu jitfakkar li l-Anness tad-Direttiva tal-1993 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jirreferix għall-għanijiet possibbli li setgħu kienu f'moħħ il-persuni li fasslu tali klawżola kuntrattwali [21]. Min-naħa l-oħra, sa fejn l-evalwazzjoni tal-ekwità ta' klawżola hija bbażata, skont l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, fuq il-bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet, dak li huwa importanti huwa biss l-effett legali prodott mill-klawżola inkwistjoni. Jekk tali klawżola għandha biss l-effett li twassal lill-konsumaturi biex jemmnu li huma għandhom jaġixxu b'mod li ma huwiex legalment rikjest, l-eventwali natura inġusta ta' din il-klawżola bl-ebda mod ma hija koperta mid-Direttiva tal-1993.

85. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-formulazzjoni tal-Artikolu 5 ma tipprevedix espliċitament li l-fatt li klawżola ma tkunx ġiet imfassla b'mod ċar u komprensibbli, jikkostitwixxi raġuni separata biex dik il-klawżola tiġi ddikjarata inġusta. Din id-dispożizzjoni tipprevedi sempliċement li, fil-każ li klawżola kuntrattwali ma tkunx ifformulata "b'lingwaġġ sempliċi u ċar" u, sussegwentement, "[f]ejn ikun hemm dubju dwar it-tifsir ta' klawżola", għandha tirbaħ l-interpretazzjoni l-iktar favorevoli għall-konsumatur.

86. Barra minn hekk, mis-sittax-il premessa u mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-1993 jirriżulta li hemm biss test wieħed ta' klawżola kuntrattwali inġusta, jiġifieri, dak previst fl-Artikolu 3(1) innifsu. B'dan il-mod, l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993 ma jikkostitwixxix test alternattiv, iżda sempliċement jipprevedi regola interpretattiva li tippermetti li jiġi stabbilit l-effett legali prodott minn tali klawżoli. Isegwi li, meta klawżola speċifika ma tkunx imfassla b'mod ċar jew komprensibbli, l-użu tar-regola interpretattiva tal-Artikolu 5 jista' jservi biex jimmitiga kwalunkwe interpretazzjoni potenzjalment ħarxa jew inġusta ta' din id-dispożizzjoni. Huwa biss meta, anki meta interpretata b'riferiment għall-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, il-klawżola kuntrattwali toħloq xorta tali żbilanċ kuntrattwali għad-detriment tal-konsumatur, li hija tkun tista' titqies inġusta. F'din is-sitwazzjoni, madankollu, in-natura inġusta tiġi evalwata b'riferiment għat-test stabbilit fl-Artikolu 3(1) u mhux b'riferiment għar-regola interpretattiva stabbilita fl-Artikolu 5 ta' din l-istess direttiva.

87. Huwa minnu li s-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Verein für Konsumenteninformation (C-191/15, EU:C:2016:612, punt 68) forsi xeħtet dubju, madankollu, fuq il-kwistjoni dwar jekk klawżola tistax tiġi ddikjarata inġusta sempliċement għaliex ma ġietx imfassla b'mod ċar u komprensibbli. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li n-natura inġusta ta' tali klawżola tista' tirriżulta minn formulazzjoni li ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' tfassil ċar u komprensibbli stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993. Il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant iddeduċiet minnha li klawżola mfassla minn qabel, dwar l-għażla tal-liġi applikabbli li tidentifika l-liġi tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-bejjiegħ jew il-fornitur, hija inġusta. Hija ma għamlitx dan b'riferiment għall-effetti legali ta' din il-klawżola - iżda minħabba li din il-klawżola kienet qarrieqa għall-konsumaturi, għaliex ma kinux informati bl-eżistenza ta' ċerti dispożizzjonijiet statutorji mandatorji [22].

88. Madankollu jista' jiġi nnotat li qabel ma waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fil-punt 67 ta' din is-sentenza, li, biex klawżola tiġi ddikjarata inġusta, din għandha toħloq żbilanċ sinjifikattiv fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet, li x'aktarx juri li l-intenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx dik li toħloq it-tieni test tan-natura inġusta.

21 Ara l-osservazzjonijiet preliminari.

22 Punt 71.

89. Fi kwalunkwe każ, nikkunsidra li din is-sentenza forsi eżaġerat kemxejn il-portata tar-"rekwiżit ta' trasparenza" identifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja [23] fil-ġurisprudenza preċedenti tagħha [24]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra, bir-rispett kollu, li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha terġa' lura għall-approċċ preċedenti tagħha li skontu, l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993 ma jistabbilixxix test awtonomu tan-natura inġusta, li huwa distint minn dak inkluż fl-Artikolu 3(1). Nemmen għaldaqstant li l-Qorti tal-Ġustizzja minflok għandha tiddikjara li l-Artikolu 5 sempliċement jistabbilixxi regola interpretattiva li tipprovdi li meta d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-kuntratt ma jkunux imfassla b'"lingwaġġ sempliċi u ċar", u fejn sussegwentement ikun hemm dubju dwar it-tifsir tal-klawżola inkwistjoni, "għandha tirbaħ l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għall-konsumatur". Huwa biss meta, anki wara l-applikazzjoni tar-regola interpretattiva inkluża fl-Artikolu 5, il-klawżola xorta tipproduċi żbilanċ sinjifikattiv bejn il-partijiet, li t-test tan-natura inġusta inkluż fl-Artikolu 3(1) ikollu effett [25].

90. Il-qorti tar-rinviju tista', madankollu, tkun tixtieq teżamina l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar prattiki kummerċjali żleali tal-impriżi fil-konfront tal-konsumaturi li tinkludi dispożizzjonijiet li jindirizzaw speċifikament informazzjoni qarrieqa, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1)(g) u l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2005/29. Peress li din id-direttiva ma ssemmietx mill-qorti tar-rinviju u peress li r-rilevanza tagħha ma ġietx eżaminata mill-partijiet, nipproponi li din il-kwistjoni ma tiġix żviluppata ulterjorment.

91. Għaldaqstant, jirriżulta li klawżola ma tistax tiġi ddikjarata inġusta bis-saħħa tad-Direttiva tal-1993 *sempliċement* minħabba l-impressjoni li tali klawżola tista' tagħti lill-konsumatur li l-eżekuzzjoni ta' ċertu obbligu kuntrattwali hija meħtieġa meta, evalwata b'riferiment għal-lingwaġġ effettiv tal-klawżola kuntrattwali, din l-eżekuzzjoni ma hijiex fil-fatt meħtieġa. Fid-dawl tat-test tan-natura inġusta inkluż fl-Artikolu 3(1), huwa neċessarju li jintwera li l-klawżola toħloq żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet, li, f'dan il-każ, opera għad-detriment tal-konsumatur.

4. Fuq it-tielet domanda.

92. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993 għandux jiġi interpretat fis-sens li klawżola għandha tiġi kkunsidrata li nkitbet b'mod ċar u komprensibbli meta l-effetti legali tagħha jkunu jistgħu jiġu stabbiliti biss b'interpretazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li fuqha l-qrati ma jkunux ifformulaw pożizzjoni konsistenti fil-mument li fih ġie konkluż il-kuntratt, u li fir-rigward tagħha ma rriżultat l-ebda pożizzjoni konsistenti fis-snin suċċessivi, anki jekk il-formulazzjoni użata tkun, għall-bqija, komprensibbli u ċara.

93. Kif diġà nnotajt, l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993 jipprovdi li "[f]il-każ ta' kuntratti fejn ċerti klawżoli jew il-klawżoli kollha offruti lill-konsumatur ikunu bil-miktub, dawn il-klawżoli għandhom ikunu abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar". Dan jimplika li l-formulazzjoni ta' klawżola għandha tesprimi b'mod ċar l-effetti legali li tali klawżola ġġib magħha u li kwalunkwe evalwazzjoni tan-natura komprensibbli ta' klawżola għandha tkun ibbażata, almenu inizjalment, fuq din il-formulazzjoni.

23 Nemmen li dan ir-rekwiżit ta' trasparenza jikkonċerna biss l-Artikolu 4(2) li skontu l-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli ma tirrigwardax id-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt, sa fejn dawn il-klawżoli jkunu ċari u komprensibbli. Fil-fatt, ir-*ratio legis* tar-rekwiżit ta' komprensibbiltà stabbilit fl-Artikolu 4(2) huwa li, sa fejn tali klawżoli jikkonċernaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt, il-konsumaturi huma meqjusa li taw il-kunsens tagħhom għall-kuntratt b'kunsiderazzjoni tal-għan tiegħu. Għalhekk, għall-kuntrarju tal-klawżoli l-oħrajn ta' kuntratt ta' adeżjoni li l-konsumaturi ma jaqrawx, ma huwiex probabbli li klawżoli rigward is-suġġett tal-kuntratt jaħsdu lill-konsumatur. Għaldaqstant, jekk ir-rekwiżit ta' komprensibbiltà fl-Artikolu 4(2) għandu l-istess portata bħal dak imsemmi fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, il-konsegwenzi tal-ksur tiegħu ma humiex l-istess, għaliex l-għan segwit minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma huwiex identiku. Fl-ewwel każ, dan l-għan huwa li jiġi vverifikat li l-preżunzjoni li għadha kemm ġiet imfakkra hija korretta (u għalhekk li l-konsumatur kien fil-fatt f'pożizzjoni li jevalwa, fuq il-bażi ta' kriterji ċari u komprensibbli, il-konsegwenzi ekonomiċi għalih li jirriżultaw mis-suġġett prinċipali tal-kuntratt) filwaqt li, għall-Artikolu 5, fil-fehma tiegħi, l-għan huwa li jiġi stabbilit, fid-dawl tat-test stabbilit fl-Artikolu 3(2), kif klawżola għandha tiġi interpretata.

24 Ara s-sentenzi tas-26 ta' Frar 2015, Matei (C-143/13, EU:C:2015:127, punt 73) u tal-20 ta' Settembru 2018, Danko u Danková (C-448/17, EU:C:2018:745, punt 61).

25 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2015, Bucura (C-348/14, EU:C:2015:447, mhux ippubblikata, punt 64).

94. F'din il-kawża, madankollu, il-qorti tar-rinviju tirreferi għas-sitwazzjoni ta' klawżola fejn il-formulazzjoni tkun ċara, iżda li t-tifsira legali tagħha tkun minflok ġiet oskurata mill-eżistenza ta' ġurisprudenza kontradittorja fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-klawżola inkwistjoni.

95. Għaldaqstant, il-kwistjoni għandha tinftiehem bħala waħda li tirrigwarda l-eżistenza ta' eventwali obbligu li l-konsumatur jiġi informat fir-rigward ta' dan is-suġġett tal-ġurisprudenza kontradittorja, flimkien mal-obbligu previst fl-Artikolu 5 li klawżoli jiġu mfasslin b'mod ċar u komprensibbli. Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Lulju 2016, Verein für Konsumenteninformation (C-191/15, EU:C:2016:612, punt 69), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fir-rigward ta' klawżola li tistipula li l-kuntratt huwa rregolat mid-dritt tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-bejjiegħ jew il-fornitur, li " meta l-effetti ta' klawżola jkunu ddeterminati minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi imperattivi, huwa essenzjali li l-professjonist jinforma lill-konsumatur dwar dawn id-dispożizzjonijiet".

96. Jista', madankollu, jiġi osservat li d-Direttiva tal-1993 ma tinkludi l-ebda riferiment għal tali obbligu. Bil-kontra, l-eżistenza ta' tali obbligu hija kontradetta mill-formulazzjoni tal-Artikolu 5, li timplika li l-informazzjoni essenzjali dwar il-kuntratt għandha tiġi inkluża fil-kuntratt innifsu.

97. Barra minn hekk, u indipendentement minn kwalunkwe pożizzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tadotta fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk test awtonomu tan-natura inġusta huwiex stabbilit fl-Artikolu 5, min-naħa tiegħi niddubita jekk l-Artikolu 5 jistax proprjament jiġi interpretat fis-sens li qiegħed jimponi obbligu iktar wiesa' fuq il-persuna li tfassal il-kuntratt biex twissi lill-konsumaturi dwar l-impatt reali jew potenzjali ta' deċiżjonijiet tal-qrati fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet statutorji mandatorji. F'dan il-kuntest, wieħed jista' l-ewwel nett josserva li l-ħames u s-sitt premessi tad-Direttiva jirreferu b'mod espliċitu għall-fatt li "ġeneralment, il-konsumaturi ma jkunux jafu r-regoli tal-liġi li, fi Stati Membri *li ma jkunux tagħhom stess*, jiggwidaw kuntratti għall-bejgħ ta' merkanzija jew servizzi"[26]. Dan fih innifsu jissuġġerixxi li d-Direttiva tipproċedi, almenu taċitament, fuq il-bażi li filwaqt li l-konsumaturi ġeneralment ma humiex familjari mad-dritt barrani, huma għandhom jitqiesu li għandhom għarfien suffiċjenti tal-ordinament ġuridiku tagħhom stess sa fejn l-applikazzjoni ta' kuntratti konkużi mal-konsumaturi hija kkonċernata.

98. It-tieni nett, jekk l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993 kellu din it-tifsira, dan potenzjalment iqiegħed oneru kunsiderevoli, u, fil-fatt, inċert, fuq il-fornitur tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni. Wieħed jista' jistaqsi, kif jista' jkun li l-persuna li fasslet il-kuntratt tkun mistennija li tagħti sommarju jew tispjega l-konsegwenzi legali ta' klawżola li kienet is-suġġett ta' serje ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji potenzjalment kontradittorji jew inkonsistenti? Tali obbligu jista' jkun partikolarment oneruż fis-sistemi tal-common law fejn parti kbira (effettivament mhux kollha) mid-dritt kuntrattwali ma hijiex ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet ta' kodiċi ġenerali (bħalma huwa l-każ fil-parti l-kbira tal-Istati Membri) u lanqas fuq il-leġiżlazzjoni, iżda b'riferiment għal interpretazzjoni ta' serje ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Madankollu, anki fil-każ ta' sistemi ta' dritt ċivili fejn id-deċiżjonijiet ġudizzjarji forsi ma humiex daqshekk ċentrali għal fehim tad-dritt kuntrattwali bħalma huwa l-każ fis-sistemi tal-common law, tali obbligu jaf xorta jirriżulta bħala wieħed pjuttost diffiċli biex jiġi ssodisfatt.

99. It-tielet nett, tali interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993 ma tkunx tista' titħaddem fil-prattika. Wara kollox, l-għoxrin premessa tad-Direttiva tipprevedi li "l-konsumatur għandu fil-fatt jingħata opportunità biex jeżamina l-klawżoli kollha […]". Wieħed jista' jistaqsi: huwa serjament issuġġerit li l-konsumaturi għandhom jingħataw sommarju tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji minn bejjiegħa potenzjali qabel il-konklużjoni ta' kuntratt tal-konsumatur? Anki li kieku dan l-obbligu kellu jkun limitat għax-xirjiet importanti tal-konsumaturi[27] – bħalma hija, bħal f'dan il-każ, l-eżekuzzjoni ta' ipoteka fir-rigward tax-xiri ta' dar – jista' biss jiġi immaġinat in-nuqqas ta' paċenzja (biex ma jingħad

26 Enfasi miżjuda minni.

27 Distinzjoni li, fi kwalunkwe każ, ma hijiex stabbilita mid-Direttiva nnifisha.

xejn dwar l-istagħġib) li l-konsumatur medju jista' jkun mistenni li juri quddiem dak li jista' prattikament jirriżulta f'seminar dwar id-dritt kuntrattwali bażiku mogħti minn persunal mhux ikkwalifikat. Fi kwalunkwe każ, li kieku obbligu daqstant vast kellu jiġi impost mid-Direttiva, wieħed kien jistenna li dan ikun ġie espress bi kliem ċar ħafna.

100. Ma nistax ma naħsibx, għaldaqstant, li jista' jkun neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja terġa' ddur u, fil-fatt, tirrevedi parti mil-lingwaġġ inkluż fil-punt 69 tas-sentenza Verein für Konsumenteninformation.

101. F'dan ir-rigward, qabel kollox għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatti ta' din id-deċiżjoni. Il-kawża kienet tikkonċerna rikors imressaq minn grupp ta' konsumaturi li kien qiegħed jikkontesta l-validità ta' ċerti klawżoli inklużi f'tipi ta' kuntratti ta' bejgħ elettroniku li l-kumpannija kbira multinazzjonali tal-bejgħ diġitali, Amazon, kienet ikkonkludiet ma' konsumaturi Awstrijaki. Amazon ma kellha la sede u lanqas xi stabbiliment ieħor fl-Awstrija. Waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet kuntrattwali kienet sempliċement tindika li l-kuntratt kien irregolat mid-dritt Lussemburgiż. Ma kien hemm, pereżempju, l-ebda riferiment għad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Ruma I[28] li huma intiżi sabiex jipproteġu lill-konsumatur fir-rigward tal-klawżoli tal-għażla tal-liġi applikabbli. Il-klawżola lanqas ma kienet tindika li d-drittijiet legali mogħtija lill-konsumaturi permezz tal-liġi Awstrijaka baqgħu mhux affettwati mill-għażla tal-liġi Lussemburgiża.

102. Il-konklużjoni li tali klawżola kienet inġusta ma tantx hija sorprendenti. Wara kollox, jekk hemm leitmotif fundamentali fis-sistema ta' protezzjoni prevista mir-Regolamenti ta' Brussell u ta' Ruma, din hija li l-konsumaturi għandhom dejjem ikunu protetti mill-applikazzjoni ta' klawżoli kuntrattwali intiżi biex ineħħuhom mill-ġurisdizzjonijiet jew mill-ordinamenti ġuridiċi li magħhom huma familjari. F'dan id-dawl, klawżola kuntrattwali li tipprovdi għall-applikazzjoni tal-liġi Lussemburgiża għall-konsumaturi Awstrijaki mingħajr ma tirreferi għall-protezzjoni inkluża fir-Regolament Ruma I fir-rigward ta' tali għażla tad-dritt, tirrappreżenta kważi eżempju klassiku ta' klawżola inġusta inkluża f'kuntratt tal-konsumatur.

103. Naħseb, għaldaqstant, li l-osservazzjonijiet ifformulati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 69 tas-sentenza tagħha Verein für Konsumenteninformation għandhom jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi partikolari u fl-isfond tad-dispożizzjonijiet rigward l-għażla tal-liġi applikabbli – u l-protezzjoni tal-konsumaturi li tirriżulta minn dan – li huma inklużi fl-Artikoli 4, 6 u 9 tar-Regolament ta' Ruma.

104. Jekk, madankollu, l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu interpretati fis-sens li jimplikaw obbligu ġenerali fuq il-bejjiegħ jew il-fornitur, li jinforma lill-konsumatur bl-eżistenza ta' dispożizzjonijiet statutorji mandatorji, mela nibża' li tali affermazzjoni, bir-rispett kollu, ma tistax tiġi sostnuta. Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkonformax formalment ma' sistema ta' preċedent, madankollu, fid-dawl tal-importanza tas-sentenza Verein für Konsumententinformation, nissuġġerixxi li jkun ideali li dawn il-konstatazzjonijiet jiġu almenu ċċarati jew forsi anki rreveduti.

105. F'din il-perspettiva, għandu jitfakkar li d-dritt kuntrattwali tal-Istati Membri kollha jinkludi dispożizzjonijiet statutorji mandatorji, li ħafna minnhom huma intiżi b'mod espliċitu biex jipproteġu l-konsumaturi. Dan huwa ċertament minnu fil-każ tas-sistemi tad-dritt ċivili li magħhom jikkonformaw il-parti l-kbira tal-Istati Membri, għaliex il-kodiċijiet nazzjonali tagħhom huma mimlijin b'dispożizzjonijiet ta' din in-natura. Madankollu dan huwa minnu wkoll fil-każ tas-sistemi tal-common law. Minkejja li, kif diġà nnotajt, partijiet kbar mid-dritt kuntrattwali huma dderivati, f'sistemi tal-common law, minn deċiżjonijiet ġudizzjarji, hemm madankollu ħafna eżempji importanti ta' każijiet fejn dispożizzjonijiet mandatorji ta' dan it-tip ġew imposti bil-liġi.

28 Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87).

106. Għaldaqstant, id-dritt tal-kuntratti tal-Istati Membri kollha jinkludi firxa wiesgħa ta' dispożizzjonijiet mandatorji, li jestendu, pereżempju, minn klawżoli impliċiti dwar l-adegwatezza għall-użu tal-oġġetti u s-servizzi pprovduti, minn naħa, sa regoli speċjali li jikkonċernaw it-trasferiment ta' proprjetà immobbli, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant ma jistax jiġi ssuġġerit b'mod realistiku li l-konsumaturi għandhom jiġu informati mill-bejjiegħ jew mill-fornitur dwar kull dispożizzjoni statutorja mandatorja qabel il-konklużjoni ta' kuntratt. Peress li s-sentenza Verein für Konsumententinformation kienet, għandu jiġi ammess, ibbażata fuq l-idea li l-konsumaturi għandhom effettivament jingħataw l-opportunità li jeżaminaw il-klawżoli kuntrattwali kollha biex ikunu jistgħu jinfluwenzaw il-kontenut tagħhom [29], għandu jiġi preżunt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma eżiġietx li d-dispożizzjonijiet statutorji mandatorji applikabbli kollha għandhom jingħabu għall-attenzjoni tal-konsumatur, iżda dawk biss li għandhom influwenza diretta fuq il-kunsens tiegħu.

107. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nissuġġerixxi li, minn naħa, l-obbligu ta' informazzjoni stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Verein für Konsumenteninformation għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa limitat għal dik l-ipoteżi partikolari li għaliha jsir riferiment f'din il-kawża, jiġifieri, dik ta' klawżola li tirregola d-dritt applikabbli, minkejja l-lingwaġġ apparentament wiesa' inkluż fil-punt 69 tas-sentenza. Tali interpretazzjoni tas-sentenza tkun ukoll konsistenti mal-ħames u s-sitt premessi tad-Direttiva tal-1993 li jitkellmu dwar il-bżonn li jiġu protetti l-konsumaturi li ma humiex ġeneralment konxji tad-dritt fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet li ma humiex tagħhom.

108. Min-naħa l-oħra, inqis li b'mod jew ieħor ikun utli li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara jew anki tirrevedi l-lingwaġġ tal-punt 69 tas-sentenza fis-sentenza Verein für Konsumenteninformation. F'dan ir-rigward, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkonstata li, fl-assenza taċ-ċirkustanzi partikolari ta' klawżola tal-għażla ta' liġi barranija bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża, ma hemm l-ebda obbligu ġenerali impost fuq il-bejjiegħa jew fuq il-fornituri tal-prodotti jew tas-servizzi biex jiġbdu l-attenzjoni tal-klijenti għall-eżistenza ta' dispożizzjonijiet mandatorji statutorji ta' din in-natura, qabel l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

109. Fir-rigward tad-domanda preliminari, nikkunsidra li l-eżistenza ta' eventwali obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni għandha tirriżulta mid-Direttiva 2005/29 minflok mid-Direttiva tal-1993 u li tali obbligu għandu jirrigwarda biss it-tagħrif ewlieni [30]. Madankollu, dan l-obbligu ma għandux ikun estiż sal-punt li jinkludi l-aspetti prinċipali tal-ġurisprudenza eżistenti. Għaldaqstant, f'kull każ, l-eżistenza ta' ġurisprudenza kontradittorja ma hijiex fiha nnifisha suffiċjenti biex tistabbilixxi li klawżola kuntrattwali li ma tirreferix għal din il-ġurisprudenza ma hijiex komprensibbli għall-finijiet tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-1993.

5. Fuq ir-raba' domanda

110. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk il-punt 1(m) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika għal klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment fejn din tawtorizza lill-parti li tidħol f'kuntratt mal-konsumatur biex tiddetermina unilateralment jekk l-eżekuzzjoni tal-kuntratt mill-konsumatur hijiex konformi mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt, anki qabel ma l-partijiet kontraenti jkunu eżegwew kwalunkwe obbligu.

111. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, l-punt 1(m) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993 jirreferi għal klawżoli li għandhom l-għan jew l-effett li jagħtu lill-bejjiegħ jew lill-fornitur id-dritt li jiddetermina, *inter alia*, jekk "il-merkanzija jew is-servizzi" pprovduti humiex konformi mal-kuntratt, jew li jagħtuh id-dritt esklużiv li jinterpreta kwalunkwe klawżola tal-kuntratt. Madankollu, huwa ċar mill-użu tal-kliem "il-merkanzija jew is-servizzi" pprovduti li l-punt 1(m) tal-Anness ma jirreferix għall-obbligi

29 Ara l-punti 63 u 68.

30 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Deroo-Blanquart (C-310/15, EU:C:2016:633, punt 48).

kuntrattwali kollha li jirriżulta mill-kuntratt, iżda biss għal dawk li jirrigwardaw il-kwistjoni dwar jekk il-prodotti jew is-servizzi kkonċernati kinux ġew ipprovduti f'konformità mal-kuntratt. Fil-fatt, li kieku kienet l-intenzjoni li l-punt 1(m) għandu japplika għall-obbligi kollha li jirriżultaw mill-kuntratt, kien preżumibbilment jintuża kliem differenti minn "il-merkanzija jew is-servizzi" mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

112. Għaldaqstant, klawżola li "tawtorizza l-kummerċjant jevalwa unilaterlament jekk il-prestazzjoni tal-konsumatur ġietx eżegwita b'mod konformi mal-kuntratt" ma taqax, bħala tali, taħt il-punt 1(m) tal-Anness tad-Direttiva tal-1993, minkejja li tista' f'ċerti ċirkustanzi tammonta għal klawżola kuntrattwali inġusta bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva minħabba l-fatt li kważi min-natura tagħha toħloq żbilanċ sinjifikattiv fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt.

113. Għalhekk, bħala repetizzjoni, il-punt 1(m) japplika biss għall-klawżoli li jagħtu lill-bejjiegħ jew lill-fornitur id-dritt esklużiv li jiddetermina jekk *il-prodotti jew is-servizzi* pprovduti humiex f'konformità mal-kuntratt: huwa ma japplikax għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt b'mod ġenerali.

I. Konklużjonijiet

114. Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni magħmula iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari tal-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) kif ġej:

1) Il-punt 1(q) tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jammontax għal projbizzjoni ġenerali fir-rigward ta' kwalunkwe klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment u li l-għan jew l-effett tagħha huwa li jaqleb l-oneru tal-prova fejn dan l-oneru għandu, skont id-dritt applikabbli, naturalment jaqa' fuq il-parti l-oħra.

2) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi bħala inġusta klawżola kuntrattwali li jkollha l-effett li tillimita jew teskludi l-aċċess tal-konsumatur għal mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwimiet. Min-naħa l-oħra, klawżola kuntrattwali li, madankollu, tagħti lill-konsumatur raġuni tajba biex jemmen li għandu jeżegwixxi l-kuntratt fl-intier tiegħu skont il-modalitajiet u kif rikjest mill-persuna li tislef, anki jekk dan ikun ikkontestat mill-konsumatur, ma hijiex klawżola inġusta għall-finijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13.

3) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-assenza ta' pożizzjoni konsistenti fost il-qrati nazzjonali rigward l-interpretazzjoni ta' klawżola standard speċifika ma hijiex suffiċjenti, fiha nnifisha, biex tippermetti l-konklużjoni li din il-klawżola ma ġietx imfassla b'mod ċar u komprensibbli fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

4) Il-punt 1(m) tal-Anness tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għal klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment fejn din tawtorizza lill-parti li tidħol f'kuntratt mal-konsumatur biex tiddetermina unilateralment jekk l-eżekuzzjoni kuntrattwali tal-konsumatur tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-kuntrattt. F'ċerti ċirkustanzi, madankollu, klawżola ta' dan it-tip tista' tiġi kkunsidrata li tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva.